# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frank Anthony Tabone]**

**vs**

**Kurt Muscat**

**Drogi: 75/16**

**Illum, 21 ta' Marzu, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kurt Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 36000L.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Marzu 2016 u kif ukoll fi granet ohra matul is-sena 2016 f'hinjiet differenti;

a) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli nhar l-20 ta' Marzu 2016 ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00hrs) gewwa Blokk G, Flat 14, Triq Jean Houel, San Giljan Malta;

b) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat;

d) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija;

e) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kien taht arrest harab mil-kustodja tal-persuna u/jew tal-persuni nkarigati mil-kustodja tieghu.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas tal-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Rat id-dokument ipprezentati; inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101); u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 96, 111(2), 151 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat wara li gie moghti z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Kurt Muscat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante ammissjoni bikrija u tenut kont tal-eta` tenera tal-imputat, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht *Probation Order* ghal tlett (3)

snin fejn l-imputat ghandu jiffoka fuq il-problema ta' droga kif ukoll biex isib xoghol.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta, u tibghat kopja tas-sentenzja odjerna lid-Direttur tal-Probation Services u Parole flimkien mal-Probation Order hawn annessa.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**